

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 687/2011

tat-18 ta' Lulju 2011

li jimplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 610/2010 u (UE) Nru 83/2011

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-12 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 610/2010 ⁽²⁾ li jimplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001, billi jistabbilixxi lista aġġornata ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001.
- (2) Fil-31 ta' Jannar 2011, bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 83/2011 ⁽³⁾, il-Kunsill stabbilixxa lista aġġornata ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001 u ħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 610/2010, ħlief sa fejn jikkonċerna l-grupp imsemmi fl-entrata numru 25 fil-Parti 2 tal-Anness għalih.
- (3) Il-Kunsill ipprova lill-persuni, gruppi u entitajiet kollha li għalihom dan kien possibbli fil-prattika b'dikjarazzjonijiet ta' raġunijiet fejn fisser għalix huma kienu elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 83/2011.
- (4) B'avviż ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾, il-Kunsill informa lill-persuni, gruppi u entitajiet elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 83/2011 li hu ddeċieda li jżommhom fuq il-lista. Il-Kunsill informa wkoll lill-persuni, gruppi u entitajiet ikkonċernati li kien possibbli li tintalab dikjarazzjoni ta' raġunijiet tal-Kunsill għall-inklużjoni tagħhom fil-lista fejn din ma kinitx diġà ġiet ikkomunikata lilhom. Fir-rigward ta' ċerti persuni u gruppi, ġiet magħmula disponibbli dikjarazzjoni emendata tar-raġunijiet.

- (5) Il-Kunsill għamel reviżjoni kompleta tal-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(3) ta' dak ir-Regolament. Meta għamel dan, il-Kunsill ħa kont ta' osservazzjonijiet ippreżentati lilu mill-persuni, gruppi u entitajiet ikkonċernati.
- (6) Il-Kunsill ikkonkluda li ma għadx hemm raġunijiet biex ċerti persuni u gruppi jinżammu fuq il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għaliha japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001.
- (7) Il-Kunsill ikkonkluda li l-persuni, gruppi u entitajiet elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament kienu involuti f'atti terroristiċi fis-sens tal-Artikolu 1(2) u (3) tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-għieda kontra t-terroriżmu ⁽⁵⁾, li ttehdet deċiżjoni fir-rigward tagħhom minn awtorità kompetenti fis-sens tal-Artikolu 1(4) ta' dik il-Pożizzjoni Komuni, u li huma għandhom ikomplu jkunu suġġetti għall-miżuri restrittivi speċifiċi previsti fir-Regolament (KE) Nru 2580/2001.
- (8) Il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001 għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ.

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista prevista fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 għandha tiġi sostitwita bil-lista li tinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 610/2010, sa fejn jikkonċerna l-grupp imsemmi fl-entrata numru 25 tal-Parti 2 tal-Anness tiegħu, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 83/2011 huma b'dan imħassra.

⁽¹⁾ ĠU L 344, 28.12.2001 p. 70.

⁽²⁾ ĠU L 178, 13.7.2010, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 28, 2.2.2011, p. 14.

⁽⁴⁾ ĠU C 33, 2.2.2011, p. 14.

⁽⁵⁾ ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

ANNEX

LISTA TA' PERSUNI, GRUPPI U ENTITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1 LI GĦALIHOM JAPPLIKA R-REGOLAMENT (KE) Nru 2580/2001

1. PERSUNI

1. ABOU, Rabah Naami (magħruf ukoll bħala Naami Hamza, magħruf ukoll bħala Mihoubi Faycal, magħruf ukoll bħala Fellah Ahmed, magħruf ukoll bħala Dafri Rème Lahdi), imwieled fl-1.2.1966 f'Alġeri (l-Alġerija) — Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra"
2. ABOUD, Maisi (magħruf ukoll bħala L-Abderrahmane Svizzeru), imwieled fis-17.10.1964 f'Alġeri (l-Alġerija) — Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra"
3. AL-NASSER, Abdelkarim Hussein Mohamed, imwieled f'Al Ihsa (l-Għarabja Sawdija), ċittadin tal-Għarabja Sawdija
4. AL YACOUB, Ibrahim Salih Mohammed, imwieled fis-16.10.1966 f'Tarut (l-Għarabja Sawdija), ċittadin tal-Għarabja Sawdija
5. ARIOUA, Kamel (magħruf ukoll bħala Lamine Kamel), imwieled fit-18.8.1969 f'Kostantin (l-Alġerija) — Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra"
6. ASLI, Mohamed (magħruf ukoll bħala Dahmane Mohamed), imwieled fit-13.5.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) — Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra"
7. ASLI, Rabah imwieled fit-13.5.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) — Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra"
8. BOUYERI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Abu ZUBAIR, magħruf ukoll bħala SOBIAR, magħruf ukoll bħala Abu ZOUBAIR), imwieled fit-8.3.1978 f'Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi) — Membru tal-"Hofstadgroep"
9. DARIB, Noureddine (magħruf ukoll bħala Carreto, magħruf ukoll bħala Zitoun Mourad), imwieled fl-1.2.1972 fl-Alġerija — Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra"
10. DJABALI, Abderrahmane (magħruf ukoll bħala Touil), imwieled fl-1.6.1970 fl-Alġerija — Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra"
11. EL FATMI, Noureddine (magħruf ukoll bħala Nouriddin EL FATMI, magħruf ukoll bħala Nouriddine EL FATMI, magħruf ukoll bħala Noureddine EL FATMI, magħruf ukoll bħala Abu AL KA'E KA'E, magħruf ukoll bħala Abu QAE QAE, magħruf ukoll bħala Fouad, magħruf ukoll bħala Fzad, magħruf ukoll bħala Nabil EL FATMI, magħruf ukoll bħala Ben Mohammed, magħruf ukoll bħala Ben Mohand Ben Larbi, magħruf ukoll bħala Ben Driss Muhand Ibn Larbi, magħruf ukoll bħala Abu Tahar, magħruf ukoll bħala Eggie), imwieled fil-15.8.1982 f'Midar (il-Marokk), Nru tal-passaport (il-Marokk) N829139 — Membru tal-"Hofstadgroep"
12. FAHAS, Sofiane Yacine, imwiela fl-10.9.1971 f'Alġeri (l-Alġerija) — Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra"
13. IZZ-AL-DIN, Hasan (magħruf ukoll bħala GARBAYA, AHMED, magħruf ukoll bħala SA-ID, magħruf ukoll bħala SALWWAN, Samir), il-Libanu, imwieled fl-1963 fil-Libanu, ċittadin tal-Libanu
14. MOHAMMED, Khalid Shaikh (magħruf ukoll bħala ALI, Salem, magħruf ukoll bħala BIN KHALID, Fahd Bin Adballah, magħruf ukoll bħala HENIN, Ashraf Refaat Nabith, magħruf ukoll bħala WADOOD, Khalid Adbul), imwieled fl-14.4.1965 jew fl-1.3.1964 fil-Pakistan, passaport Nru 488555
15. MOKTARI, Fateh (magħruf ukoll bħala Ferdi Omar), imwieled fis-26.12.1974 f'Hussein Dey (l-Alġerija) — Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra"
16. NOUARA, Farid, imwieled fil-25.11.1973 f'Alġeri (l-Alġerija) — Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra"
17. RESSOUS, Hoari (magħruf ukoll bħala Hallasa Farid), imwieled fil-11.09.1968 f'Alġeri (l-Alġerija) — Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra"
18. SEDKAOUI, Noureddine (magħruf ukoll bħala Nounou), imwieled fit-23.6.1963 f'Alġeri (l-Alġerija) — Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra"
19. SELMANI, Abdelghani (magħruf ukoll bħala Gano), imwieled fl-14.6.1974 f'Alġeri (l-Alġerija) — Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra"
20. SENOUCI, Sofiane, imwiela fil-15.4.1971 f'Hussein Dey (l-Alġerija) — Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra"
21. TINGUALI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Mouh di Kouba), imwieled fil-21.4.1964 fi Blida (l-Alġerija) — Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra"
22. WALTERS, Jason Theodore James (magħruf ukoll bħala Abdullah, magħruf ukoll bħala David), imwieled fis-6.3.1985 f'Amersfoort (il-Pajjiżi l-Baxxi), Nru tal-passaport (il-Pajjiżi l-Baxxi) NE8146378 — Membru tal-"Hofstadgroep"

2. GRUPPI U ENTITAJIET

1. L-“Organizzazzjoni Abu Nidal” — “ANO”, (magħrufa ukoll bħala l-“Kunsill Rivoluzzjonarju ta’ Fatah”, il-“Brigati Rivoluzzjonarji Għarab”, “Settembru l-Iswed”, u l-“Organizzazzjoni Rivoluzzjonarja tal-Musulmani Soċjalisti”)
 2. “Il-Brigata tal-Martri ta’ Al-Aqsa”
 3. “Al-Aqsa e.V.”
 4. “al-Takfir” u “al-Hijra”
 5. “Babbar Khalsa”
 6. Il-“Partit Komunista tal-Filippini”, inkluża n-“New Peoples Army” — “NPA”, il-Filippini
 7. “Gama’a al-Islamiyya” (magħruf ukoll bħala “Al-Gama’a al-Islamiyya”) (“Grupp Islamiku” — “IG”)
 8. “İslami Büyük Doğu Akıncılar Cephesi” — “IBDA-Ċ” (“Il-Front Kbir Iżlamiku tal-Ġellieda tal-Lvant”)
 9. “Ħamis”, inkluż “Ħamis-Izz al-Din al-Qassem”
 10. “Hizbul Mujahideen” — “HM”
 11. “Hofstadgroep”
 12. Il-“Fondazzjoni tal-Art Imqaddsa għas-Soljev u l-Iżvilupp”
 13. Il-“Federazzjoni Internazzjonali taż-Żgħażaġħ Sikh” — “ISYF”
 14. Il-“Forza Khalisan Zindabad” — “KZF”
 15. Il-“Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan” — “PKK”, (magħruf ukoll bħala “KADEK”, magħruf ukoll bħala “KONGRA-GEL”)
 16. “Tigri għal-Liberazzjoni ta’ Tamil Eelam” — “LTTE”
 17. L-“Armata għal-Liberazzjoni Nazzjonali” (“Ejército de Liberación Nacional”)
 18. Il-“Jihad Islamika Palestinjana” — “PIJ”
 19. Il-“Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina” — “PFLP”
 20. Il-“Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina — Kmand Ġenerali”, (magħruf ukoll bħala “PFLP — Kmand Ġenerali”)
 21. “Fuerzas armadas revolucionarias de Colombia” — “FARC” (“Il-Forzi Armati Rivoluzzjonarji tal-Kolombja”)
 22. “Devrimci Halk Kurtuluş Partisi-Cephesi” — “DHKP/C” (magħruf ukoll bħala “Devrimci Sol” (“Xellug Rivoluzzjonarju”), “Dev Sol”) (L-Armata/Il-Front/Il-Partit Rivoluzzjonarju/a għal-Liberazzjoni tal-Poplu)
 23. It-“Triq li Tiddi” — “SL” (“Sendero Luminoso”)
 24. “Stichting Al Aqsa” (magħruf ukoll bħala “Stichting Al Aqsa Nederland”, magħruf ukoll bħala “Al Aqsa Nederland”)
 25. “Teyrbazen Azadiya Kurdistan” — “TAK” (magħruf ukoll bħala l-“Kurdistan Freedom Falcons”, magħruf ukoll bħala l-“Kurdistan Freedom Hawks”)
-